DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-27 ta' Jannar 2010

dwar il-kontribut finanzjarju tal-Unjoni għal programm għall-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti u prodotti għall-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut għall-2010

(notifikata bid-dokument numru C(2010) 320)

(It-test bil-Franċiż biss hu awtentiku)

(2010/52/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 247/2006 tat-30 ta' Jannar 2006 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikultura fir-reġjuni l-aktar il-boġhod tal-Unjoni [1] u b'mod partikolari l-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 17(3),

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/609/KE tal-10 ta' Settembru 2007 dwar it-tifsira tal-miżuri eliġibbli għall-finanzjament tal-Komunità fil-programmi għall-kontroll ta' organiżmi ta' ħsara għall-pjanti u prodotti tal-pjanti f'dipartimenti Franċiżi barra mill-pajjiż, fl-Azores u Madeira [2] tiddefinixxi l-miżuri eliġibbli għall-kontribut finanzjarju tal-Unjoni għall-programmi għall-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti u l-prodotti tal-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut, fl-Ażores u fil-Madeira.

(2) L-awtoritajiet Franċiżi ppreżentaw programm lill-Kummissjoni għall-2010 li jistipula l-miżuri tas-saħħa tal-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut. Dan il-programm jispeċifika l-għanijiet li jridu jinkisbu, ir-riżultati mistennija, il-miżuri li jridu jiġu mwettqa, id-dewmien tagħhom u l-ispiża tagħhom bil-ħsieb tal-possibilità ta' kontribut finanzjarju Komunitarju. Il-miżuri stipulati f'dak il-programm jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Deċiżjoni 2007/609/KE. Il-Kummissjoni għalhekk tikkunsidra li ntlaħqu r-rekwiżiti tal-Artikolu 17(1) tar-Regolament (KE) Nru 247/2006.

(3) Skont l-Artikolu 3(2)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1290/2005 tal-21 ta' Ġunju 2005 dwar l-iffinanzjar tal-politika agrikola komuni [3], il-miżuri tas-saħħa tal-pjanti għandhom jiġu ffinanzjati mill-Fond Ewropew għall-Garanzija Agrikola. Għall-fini tal-kontroll finanzjarju ta' dawk il-miżuri, l-Artikoli 9, 36 u 37 ta' dak ir-Regolament għandhom japplikaw.

(4) Skont l-Artikolu 75 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 fir-rigward tar-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit generali tal-Komunitajiet Ewropej [4] u l-Artikolu 90(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [5], l-impenn tan-nefqa mill-baġit tal-Unjoni għandu jiġi ppreċedut minn deċiżjoni ta' finanzjar adottata mill-istituzzjoni jew l-awtoritajiet li għaliha jkunu ġew iddelegati l-poteri, filwaqt li jiġu stabbiliti l-elementi essenzjali tal-azzjoni li tinvolvi n-nefqa.

(5) Id-deċiżjoni preżenti tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjar għan-nefqa provduta fit-talbiet ta' kofinanzjar ippreżentati mill-Istati Membri.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Kontribut finanzjarju tal-Unjoni lil Franza għall-programm uffiċjali għall-kontroll ta' organiżmi li jagħmlu ħsara lill-pjanti u l-prodotti tal-pjanti fid-dipartimenti Franċiżi lil hinn mix-xtut għall-2010, kif speċifikat fil-Parti A tal-Anness, huwa approvat.

Għandu jkun limitat għal 60 % tal-ispiża eliġibbli totali, kif speċifikat fil-Parti B tal-Anness, b'massimu ta' EUR 240 000 (eskluża l-VAT).

Artikolu 2

1. Għandhom jiġu mħallsa EUR 100 000 bil-quddiem fi żmien 60 jum minn wara li tasal talba ta' ħlas minn Franza.

2. Il-bilanċ tal-kontribut finanzjarju għandu jitħallas sakemm ikun intbagħat rapport finali ta' implimentazzjoni dwar il-programm lill-Kummissjoni f'forma elettronika sa mhux aktar tard mill-15 ta' Marzu 2011.

[1] ĠU L 42, 14.2.2006, p. 1.
[2] ĠU L 242, 15.9.2007, p. 20.
[3] ĠU L 209, 11.8.2005, p. 1.
[4] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[5] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

Dan ir-rapport għandu jkun fih:

(a) valutazzjoni teknika konċiża tal-programm sħiħ, inkluż il-grad ta' kisba tal-għanijiet fiżiċi u kwalitattivi u l-progress miksub, u evalwazzjoni tal-impatt immedjat fitosanitarju u ekonomiku, kif ukoll

(b) dikjarazzjoni tal-ispiża finanzjarja li tindika n-nefqa proprja mqassma skont is-sottoprogramm u l-miżura.

3. Fir-rigward tat-tqassim indikattiv tal-baġit speċifikat fil-Parti B tal-Anness, Franza tista' taġġusta l-finanzjament bejn il-miżuri differenti fl-istess sottoprogramm f'limitu ta' 15 % tal-kontribut tal-Unjoni għal dan is-sottoprogramm, sakemm l-ammont totali tal-ispejjeż eliġibbli skedati fil-programm ma jinqabiżx u li b'hekk l-għanijiet ewlenin tal-programm ma jiġux kompromessi.

Hija għandha tgħarraf lill-Kummissjoni bi kwalunkwe aġġustament li jsir.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Franza.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Jannar 2010.

Għall-Kummissjoni

Androulla VASSILIOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

PROGRAMM U TQASSIM INDIKATTIV TAL-BAĠIT GĦALL-2010

PARTI A

Programm

Il-programm għandu jikkonsisti f'erba' sottoprogrammi:

(1) sottoprogramm interdipartimentali:

Miżura 1: żvilupp ta' metodi ta' detezzjoni għal organiżmi li jagħmlu l-ħsara bbażati fuq reazzjoni katina ta' polymerase (PCR)

(2) sottoprogramm għad-dipartiment ta' Martinique:

Miżura 2: stħarriġiet fitosanitarji u taħriġ ta' bdiewa tal-imxietel

(3) sottoprogramm għad-dipartiment ta' Guyane:

Miżura 3: tmexxija ta' sistema agrikola fitosanitarja ta' twissija għall-produzzjoni tar-ross;

(4) sottoprogramm għad-dipartiment ta' Guadeloupe:

(a) Miżura 4.1: tmexxija ta' netwerk ta' stħarriġ għall-ferminelli;

(b) Miżura 4.2: stħarriġiet fitosanitarji fil-produzzjoni tat-tadam;

(c) Miżura 4.3: tmexxija tar-riskju tal-introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara mill-attività turistika.

PARTI B

Tqassim indikattiv tal-baġit b'indikazzjoni tar-riżultati varji mistennija

(F'EURO)

Sottoprogrammi	Riżultati (S: forniment ta' servizzi, R: riċerka jew xogħol ta' studju)	Spejjeż eliġibbli	Kontribut finanzjarju	Kontribut finanzjarju massimu tal-Unjoni
Sottoprogramm inter-DOM				
Mżura 1	Metodu ta' PCR kwantitattiv (R)	120 000	48 000	72 000
	Subtotal	120 000	48 000	72 000
Martinique				
Miżura 2	Stħarriġiet fitosanitarji u taħriġ ta' bdiewa tal-imxietel (S)	110 000	44 000	66 000
	Subtotal	110 000	44 000	66 000
Guyane				
Mżura 3	Tmexxija ta' sistema fitosanitarja agrikola ta' twissija (S)	119 500	47 800	71 700
	Subtotal	119 500	47 800	71 700
Guadeloupe				
Miżura 4.1	Tmexxija ta' netwerk ta' stħarriġ għall-ferminelli (S)	15 500	6 200	9 300

(F'EURO)

Sottoprogrammi	Riżultati (S: forniment ta' servizzi, R: riċerka jew xogħol ta' studju)	Spejjeż eliġibbli	Kontribut finanzjarju	Kontribut finanzjarju massimu tal-Unjoni
Miżura 4.2	stħarriġiet fitosanitarji fil-produzzjoni tat-tadam (S)	20 000	8 000	12 000
Miżura 4.3	Azzjonijiet ta' komunikazzjoni lill-pubbliku dwar ir-riskji ta' introduzzjoni ta' organiżmi li jagħmlu ħsara (S)	15 000	6 000	9 000
	Subtotal	50 500	20 200	30 300
	Total	400 000	160 000	240 000